# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 562

Il-Ħamis, 27 ta’ Lulju, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, f’12:00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

SKUŻATI:

Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 562.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Frankie Attard, Horace Vella u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u safar. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 562.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 562.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

562.3.1 Il-Kunsill Lokali talab estensjoni għall-proġett tal-Għadira – Miżura 4, sal-31 ta' Awwissu 2023 sabiex ikun lest il-proġett kollu.

562.3.2 Tlabna estensjoni fuq il-proġetti ta' Eko Għawdex ukoll u ngħatajna sal-aħħar tas-sena 2023.

562.3.3 Il-Kunsill intalab li jsiru 4 charging pillars oħra madwar ir-raħal. Dawn kienu wisq lejn iċ-ċentru u kienu ser joħolqu inqas parkeġġ għal vetturi normali. Saret laqgħa ma' rappreżentant tagħhom u ġew diskussi parkeġġi għal karozzi tal-elettriku f'dawn it-toroq: Triq Għajn Tuta, Triq Għajn Abdun, Triq ta' Doti u Triq Qasam San Ġorġ. Issa għandhom imorru fuq il-post ħalli jaraw humiex vijabbli.

562.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi applikajna għall-CCTV madwar ir-raħal kollu taħt l-iskema SPI/SCI/04/2023.

562.3.5 Dwar Pjazza Salvatore Busuttil, tlabna parir mill-Perit tal-Ministeru sabiex jgħidilna kif għandhom jipparkjaw krejnijiet kbar meta jkollna talbiet għal permessi ta' krejnijiet f'din il-pjazza.

562.3.6 Is-Sindku qal li kellna *online meeting* mal-ERA dwar il-proġett ta' Qasam San Ġorġ u l-applikazzjoni li għandna għal tisbieħ fuq l-Għadira. Dwar Qasam San Ġorġ, l-ERA trid il-passaġġ ikun beaten earth u qed toġġezzjoni għad-dawl mal-passaġġ. Madanakollu, wara li s-Sindku kellimhom u fehmhom x'hemm bżonn, ser terġa tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni kif għamilha l-Kunsill.

562.3.7 Din il-ġimgħa saret laqgħa mal-Perit Gordon Vella dwar il-proġett ta' Triq San Girgor u qed jitfasslu l-aħħar affarijiet.

562.3.8 Ġejna nfurmati minn TM illi l-Eur11,000 li suppost ingħatajna sussidju mingħand il-Gvern talli xtrajna vann tal-elettriku ma nistgħux noħduhom għaliex l-iskema għalqet għall-Kunsilli Lokali. Wara li wrejna l-preokkupazzjoni tagħna, ingħaqadna ma' xi sitt Kunsilli Lokali oħra li ġralhom l-istess u ktibna lill-Ministru kkonċernat.

## 562.4 Proġett tal-Għadira – Miżura 4

Is-Sindku qal li x-xogħol kważi lest. Baqa' ftit tikħil tal-bankijiet, jitpoġġa l-injaw u jsir it-taħwil tas-siġar.

## 562.5 Ħarsa lejn il-Festa 2023

Is-Sindku qal li sibna problema għax kien hemm karozza li pparkjat fil-post tal-kjosks u ma stajniex inneħħuha. B'hekk ġie deċiż li għal sena oħra navżaw fuq il-gazzetta tal-Gvern sabiex jekk ikun hemm xi karozza li tipparkja ħażin tkun tista' tiġi ttowjata. Ġie diskuss ukoll illi s-Sibt kien hemm kongestjoni ta' traffiku u ġie diskuss kif kieku tajjeb issir ring road. Il-membri tkellmu dwar il-possibilta' ta' parkeġġ ġo għalqa għas-Sibt. Importanti ukoll li nieħdu nota li nġibu aktar bins.

## 562.6 Proġett ta' Pjazza San Girgor

Kif issemma qabel, iltqajna mal-Perit Gordon Vella li qed jipprepara l-pjanti u l-BOQs ta' dan il-proġett. Ser nerġgħu niltaqgħu nhar id-9 ta' Awwissu għal update fuq dan ix-xogħol.

## 562.7 Parking bays

Saret talba lill-Kunsill sabiex isiru parking bays fi Triq Wenzu Mintoff u Pjazza Orvieto. Kulħadd qabel ma' dan.

## 562.8 Ilmenti u Suġġerimenti

562.8.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni illi hemm toqba f'nofs tat-triq fil-bidu ta' Triq San Girgor. Ġie deċiż li nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex titranġa.

562.8.2 Huwa qal ukoll illi kien hemm tabella 'Kerċem' fi Triq Qasam San Ġorġ sabiex tmur lejn Triq il-Ġifna u din m'għadiex hemm. Ser issir oħra.

562.8.3 Is-Sindku issuġġerixxa li ssir *Cul de Sac* fi Triq Ġuże' Flores. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

562.8.4 Saret talba għal *double yellow line* fi Triq Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

562.8.5 Saret talba għal kaxxa tad-disabled fi Triq il-Torri. Ġie deċiż li nagħmlu applikazzjoni ma' TM.

## 562.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 562.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1pm u ġiet aġġornata għall-31 ta' Awwissu, 2023 f'12pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |